MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2008

Numru 525/2008

PULIZIJA
SPETTUR MALCOLM BONDIN
VS
ANTHONY PACE

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Pace ta’ 52 sena, iben il-mejjet Alfred Pace u Concetta nee’ Falzon, imwieled Qormi fit-13 ta’ Marzu 1956, residenti Arc En Ciel, Triq San Anard, Tarxien u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 234756(M).

Illi huwa akkuzat talli nhar il-25 ta’ Mejju 2008 ghall-habta tal-11:30pm gewwa il-ground tal-Football ta’ Hal Qormi fi Triq il-Belt Valletta, Qormi, bi vjolenza jew b’theddid, gieghel ufficjal pubbliku li jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x’taqsam mal-kariga tieghu;

Illi huwa akkuzat ukoll talli attakka, ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-Awtorita' kompetenti.

Illi huwa akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, ingurja, heddidt jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Jesmond Aquilina bhala persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaw jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi huwa akkuzat ukoll talli volontarjament, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Jesmond Aquilina, skond kif iccertifika Dr. C. Brincat ta' Hal Qormi.

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi, minghajr ma darrab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddab, jew qabad armi ohra kontra n-nies.

Illi huwa akkuzat ukoll talli kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat.

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 95, 96, 221, 339(e), 338(dd), 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18)-il xahar.

In oltre', tqieghed lill-imputat taht garanzija ta' €233 b'obbligazzjoni li ma jkellimx, ma jdejjaqx u ma jimmolestax lil Jesmond Aquilina u l-familja ghal perijodu ta' sena.

Din il-piena qed tigi akkordata in vista tal-fedina penali ta' l-imputat, l-apologija pubblika u piena li ghamel l-imputat fil-Qorti lill-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------